Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (ċ), (d), (e) u (f) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

L-applikanti interessati jeħtieġu jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@artscouncil.mt).

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin jeħtieġu jipproduċu stqarrija ta' rikonoxximent miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) li jinsab fi ħdan il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA). Din tista' tinkiseb billi tissottometti applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Din l-istqarrija għandha tinhemeż mal-applikazzjoni waqt li l-kopja oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

Id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju, 2025 f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

Is-27 ta' Mejju, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

Kap tal-Marketing u l-Udjenzi

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA) qed tfittex is-servizzi ta' Kap tal-Marketing u l-Udjenzi. Din il-pożizzjoni hija kariga għolja fi ħdan in-NAPA u l-persuna inkarigata se tkun responsabbli mill-iżvilupp u l-esekuzzjoni tal-marketing tal-kumpanija u mill-istrateġiji għall-involviment tal-udjenzi, li jinkludu l-attrazzjoni ta' udjenzi

members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies@artscouncil.mt).

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Friday, 6th June, 2025 at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

27th May, 2025

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

Head of Marketing and Audiences

The National Agency for the Performing Arts (NAPA) is seeking the services of a Head of Marketing and Audiences. The position is part of NAPA's senior leadership and will be responsible for developing and executing the company's marketing and audience engagement strategies, including attracting and retaining audiences and increasing agency

ġodda, iż-żamma ta' dawk eżistenti u ż-żieda fil-bejgħ u fid-dħul tal-aġenzija. Il-Kap tal-Marketing u l-Udjenzi se jkun qed jiddelega u jissorvelja kull attività relatata mat-tkabbir fid-dħul, li jibqa' jiżdied is-sehem tal-aġenzija fis-suq, u li tkompli tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-aġenzija. Ir-rwol jirrikjedi t-twaqqif u t-tmexxija ta' tim tal-marketing intern u diversi kuntratturi relatati mal-marketing, l-udjenzi u l-bejgħ.

Il-kandidat magħżul se jkun mistenni li jmexxi l-ippjanar strateġiku mat-Tim Eżekuttiv u joffri inizjattivi kreattivi sabiex jiżdied il-bejgħ u l-għarfien ta' NAPA.

Responsabbiltajiet Ewlenin

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' marketing u bejgħ allinjati mal-għanijiet ta' NAPA.

Il-komunikazzjoni mad-Diretturi Artistiċi dwar l-għanijiet tal-kumpanija u l-allinjament tagħhom mal-istrateġiji u l-ħtiġiet ta' NAPA.

It-twettiq ta' analiżi tas-suq sabiex jiġu identifikati opportunitajiet, xejriet ġodda u sfidi li jistgħu jinqalgħu.

Definizzjoni u sorveljanza tal-impatt li qed iħallu l-inizjattivi tal-bejgħ u r-reklamar.

It-tmexxija u l-konsulenza lit-tim tal-bejgħ u r-reklamar biex jiġu miksuba l-għanijiet ta' NAPA waqt li titrawwem kultura ta' kollaborazzjoni, innovazzjoni u titjib kontinwu.

L-iżgurar ta' komunikazzjoni ċara tal-objettivi tal-kumpanija u r-responsabbiltajiet individwali.

It-tmexxija tar-relazzjonijiet mas-sottokuntratturi tal-bejgħ u r-reklamar.

Is-sorveljanza tat-tmexxija tal-isem NAPA u l-iżgurar tal-konsistenza fuq kull pjattaforma.

L-ippjanar u l-monitoraġġ tal-esekuzzjoni tal-kampanji tar-reklamar, kemm b'mod diġitali, fuq il-mezzi soċjali, il-kontenut u r-reklamar tradizzjonali.

L-ippjanar u t-tmexxija tal-baġit tar-reklamar b'mod effettiv sabiex jinkiseb l-ikbar ritorn possibbli mill-investimenti li jsiru.

Il-ħolqien ta' sħubija u relazzjonijiet ma' aġenziji esterni, bejjiegħa u partijiet interessati oħra.

L-ixprunar tat-tkabbir fil-bejgħ permezz tal-iżvilupp u l-eżekuzzjoni ta' strateġiji sabiex jiġu attirati klijenti ġodda u jinżammu dawk diġà eżistenti.

Is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-bejgħ, u t-teħid ta' azzjonijiet xierqa fi ħdan il-kampanji tar-reklamar.

sales and revenue. The Head of Marketing and Audiences will delegate and oversee all activities related to driving revenue growth, increasing market share, and enhancing brand visibility. The role requires setting up and managing an in-house marketing team and several contractors related to marketing, audiences, and sales.

The selected candidate will be expected to lead the strategic planning with the Executive Team offering creative initiatives to increase sales and brand awareness.

Key Responsibilities

Develop and implement comprehensive marketing and sales strategies aligned with the NAPA's goals.

Lead conversations with Artistic Directors about company goals and their alignment with NAPA's strategy and requirements.

Conduct market analysis to identify opportunities, trends, and potential challenges.

Define and monitor the effectiveness of marketing and sales initiatives.

Lead, mentor, and manage the marketing and sales teams to achieve their objectives fostering a culture of collaboration, innovation, and continuous improvement.

Ensure clear communication of company goals and individual responsibilities.

Manage relationships with subcontractors related to marketing and sales.

Oversee brand management and ensure consistency across all channels.

Plan and monitor the execution of marketing campaigns, including digital, social media, content, and traditional marketing.

Plan and manage the marketing budget effectively to maximize return on investment.

Build partnerships and manage relationships with external agencies, vendors, and other stakeholders.

Drive sales growth by developing and executing strategies to attract and retain customers.

Oversee and monitor sales, and react accordingly within the campaigns.

It-tisħiħ ta' relazzjonijiet ma' klijenti ewlenin u l-innegozjar għal ftehim u kuntratti konġunti.

L-identifikar ta' swieq ġodda u ta' opportunitajiet fejn l-aġenzija tista' tkompli tikber.

Il-ħidma mill-qrib ma' dipartimenti oħra, li jinkludu t-tim eżekuttiv, il-produzzjoni, il-finanzi, u l-operat, sabiex jillinjaw l-inizjattivi tal-bejgħ u r-reklamar mal-għanijiet tal-aġenzija.

L-ippreżentar ta' rapporti u tagħrif lit-Tim Eżekuttiv u lill-Bord tad-Diretturi, meta mitlub.

Rekwiżiti

Master's Degree fil-Marketing, Business Administration jew xi qasam relatat ieħor;

Esperjenza ppruvata fi rwoli għolja fil-marketing u/jew bejgħ, preferibbilment fl-industrija kreattiva;

Għarfien b'saħħtu tar-reklamar diġitali, għodda tas-CRM u pjattaformi tal-awtomatizzazzjoni tal-bejgħ;

Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni, negozjar u tmexxija;

Fehma analitika bl-abbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet skont dak li tkun qed turi d-data miġbura;

Suċċess ipprovat fl-ixprunar tat-tkabbir fid-dħul u l-ħolqien ta' timijiet bi prestazzjoni b'saħħitha;

Is-salarju offrut se jiġi maħdum skont il-livell ta' esperjenza.

Kif tapplika

Biex japplika għal din il-pożizzjoni wieħed għandu jibgħat ir-resume aġġornata tiegħu u ittra ta' akkumpanjament li tispjega l-interess f'dan l-irwol u kif il-ħiliet tal-applikant jallinjaw mar-rekwiżiti ta' dan ix-xogħol.

L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz ta' ittra elettronika lil (napa@napa.mt) bis-suġġett: Applikazzjoni għall-Kap tal-Marketing u l-Udjenzi.

L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-Tnejn, 2 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar. Dawk li jintbagħtu wara din id-data mhux se jiġu kkunsidrati.

L-applikanti għandu jkollhom numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT validu. L-applikant se jkun responsabbli għat-tassazzjoni rilevanti u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Strengthen relationships with key clients and negotiate joint deals or contracts.

Identify new markets and opportunities for expansion.

Work closely with other departments, including the executive team, production, finance, and operations, to align marketing and sales initiatives with business objectives.

When requested present reports and insights to the executive team and board of directors.

Requirements

A Master's Degree in Marketing, Business Administration, or a related field;

Proven experience in a senior marketing and/or sales role, preferably within the creative industries;

Strong knowledge of digital marketing, CRM tools, and sales automation platforms.

Excellent communication, negotiation, and leadership skills.

Analytical mindset with the ability to make data-driven decisions.

Demonstrated success in driving revenue growth and building high-performing teams.

The salary package offered will be based on the level of experience.

How to apply

To apply for this position one is to send an updated resume and a cover letter explaining interest in the role and how the skills align with the job requirements.

The application may be submitted by email to (napa@napa.mt) with the subject line: Application for Head of Marketing and Audiences.

Applications must be received by Monday, 2nd June, 2025, at noon. Late submissions will not be considered.

Applicants must have a valid VAT registration number. Chosen candidate will be responsible for all relevant taxation and social security contributions as per national legislation.

L-applikanti eliġibbli magħżula se jiġu mistiedna għal intervista.

Għal aktar informazzjoni, jew għal mistoqsijiet, wieħed għandu jibgħat ittra elettronika lid-Direttriċi tal-Amministrazzjoni fl-indirizz (christabel.borg-preca@napa.mt)

Is-27 ta' Mejju, 2025

Selected eligible applicants will be invited for an interview.

For questions or additional information one may send an email to the Director for Administration at (christabel.borg-preca@napa.mt).

27th May. 2025

AĠENZIJA LEGAL AID MALTA

Sejħa għal Servizzi ta' Għajnuna Legali

Il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol qiegħed ifittex is-servizzi legali ta' avukati għal każijiet ta' appell ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi quddiem it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali u l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

L-Għan tax-Xogħol

Kull avukat magħżul ikun meħtieġ iwettaq il-kompiti li ġejjin:

Jiltaqa' mal-appellanti bi tħejjija għas-sottomissjoni tal-każ;

Jiġbor id-dokumentazzjoni rilevanti mingħand l-entitajiet addattati;

Jippreżenta sottomissjonijiet tal-każ lit-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali u lill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni sad-data stabbilita mill-Bord;

Jattendi s-seduti tal-Bord; u

Isegwi l-appell skont il-bżonn.

L-avukati magħżula jitħallsu bir-rati kif indikati fit-termini ta' referenza.

Sottomissjoni ta' Interess

Kandidati interessati għandhom jibagħtu s-CV u l-kopja tal-warrant lil (legalaid.mhse@gov.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

It-Termini ta' Referenza jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (legalaid.mhse@gov.mt), jew jitniżżel id-dokument minn (www.sigurta.gov.mt/legalaid).

Is-27 ta' Mejju, 2025

LEGAL AID MALTA AGENCY

Call for the Provision of Legal Aid Services

The Ministry for Home Affairs, Security and Employment (MHSE) is seeking to engage warranted lawyers to provide legal assistance in appeal cases lodged by third-country nationals before the International Protection Appeals Tribunal and the Immigration Appeals Board.

Scope of Work

Selected lawyers will be expected to carry out the following tasks:

Meet with appellants in preparation for case submission;

Collect relevant documentation from the appropriate entities;

Prepare and lodge case submissions to the International Protection Appeals Tribunal and the Immigration Appeals Board;

Attend hearings as required; and

Conduct follow-up on case submissions where necessary.

Remuneration will be in accordance with the rates set out in the Terms of Reference.

Submission of Interest

Interested candidates are invited to submit their CV and a copy of their legal warrant to (legalaid.mhse@gov.mt) by Monday, 9th June, 2025, at noon.

The full Terms of Reference may be obtained by email to (legalaid.mhse@gov.mt), or by downloading the document from (www.homeaffairs.gov.mt/legalaid)

27th May, 2025

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Pożizzjoni ta' Assistant Clerk (part-time) Skala 16

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jħabbar li qed jiftħu applikazzjonijiet għal pożizzjoni ta' Assistant Clerk (part-time) Skala 16, skont il-policies u l-kundizzjonijiet tal-impjiegi fis-Settur Pubbliku.

L-Avviż huwa maħruġ minn Jobsplus skont il-Permess numru 506/2025.

Deskrizzjoni tal-Impjieg

L-impjegat li jiġi maħtur bħala Assistant Clerk (part-time) se jkun responsabbli minn ħidma amministrattiva u ta' appoġġ operattiv fi ħdan il-Kunsill Lokali Birkirkara, skont il-funzjonijiet assenjati lilu/lilha. Il-ħidma tkun qed issir f'sigħat part-time, bi flessibbiltà skont ir-rekwiżiti tal-Kunsill.

Rekwiżiti Minimi

Il-kandidati għandu jkollhom minimu ta' Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja jew ekwivalenti;

Esperjenza preċedenti fil-qasam amministrattiv hija essenzjali;

L-ewwel lingwa: Malti; għarfien tal-lingwa Ingliża huwa rikonoxxut bħala vantaġġ;

Komunikazzjoni tajba u organizzat

Kundizzjonijiet

Skala ta' pagament: Scale 16
Tip ta' impjieg: Part-time
Post: Kunsill Lokali Birkirkara, Ċentru Ċiviku, Livell 2, Triq Tumas Fenech, Birkirkara
Data li tagħlaq l-applikazzjoni: 9 ta' Ġunju, 2025

Applikazzjonijiet

Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu billi tgħaddi kopja tal-Curriculum Vitae (CV) li tinkludi dettalji ta' esperjenza akkademika u professjonali. Applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati online jew fil-Kunsill sad-disgħa (9) ta' Ġunju, elfejn u ħamsa u għoxrin (2025).

Persuna ta' Kuntatt

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sa Christine-jo Mansueto permezz ta' ittra elettronika lil (christine-jo.mansueto.2@gov.mt).

Is-27 ta' Mejju, 2025

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Position of Assistant Clerk (part-time) Scale 16

The Birkirkara Local Council announces that it is opening applications for the position of Assistant Clerk (part-time) Scale 16, in accordance with the policies and conditions of employment in the Public Sector.

This notice is published from Jobsplus under Permit number 506/2025.

Job Description

The employee selected for the position of Assistant Clerk (part-time) will be responsible for administrative work and operational support within the Birkirkara Local Council, according to the functions assigned to him/her. The role will be carried out on a part-time basis, with flexibility according to the requirements of the Council.

Minimum Requirements

Candidates must have at least a Secondary Education Certificate or equivalent;

Previous experience in an administrative role is essential;

First language: Maltese; knowledge of English is considered an advantage;

Good communication and organizational skills

Conditions

Salary Scale: Scale 16
Type of Employment: Part-time
Location: Birkirkara Local Council, Civic Centre, Level 2, Tumas Fenech Street, Birkirkara
Application Deadline: 9th June, 2025

Applications

Applications should be submitted by sending a copy of the Curriculum Vitae (CV), including details of academic and professional experience. Applications can be submitted online or at the Council office by Monday, 9th June, 2025.

Contact Person

Further information may be obtained from Ms Christine-jo Mansueto via email to (christine-jo.mansueto.2@gov.mt).

27th May, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sal-4 ta' Ġunju 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Toyota	Avensis	Griż	HBN159	San Pawl il-Baħar
KRS	SOAO 125cc	Abjad	BCI596	Tas-Sliema
Toyota	Passo	Abjad	ICA671	Il-Gżira
Toyota	CHR	Griż	HLY208	San Ġwann
Kawazaki	KTM	Abjad	*FM228917	Il-Qawra
Yamaha	Ovetto	Ikħal	OVE770	Birkirkara
Kymco	Agility	Abjad	HBU404	Birkirkara
Kymco	Agility	Abjad	HCB132	Birkirkara
Isuzu	KB1990	Maroon	CBD969	In-Naxxar
Keeway	Superlight	Iswed	JCH921	San Ġwann
Toyota	Vitz	Griż	HBG706	Ir-Rabat
Renault	Clio	Griż	FBJ728	Ħaż-Żabbar
Toyota	Vitz	Isfar	KBP183	Il-Gżira
Jaguar	X Type	Ikħal	JAH422	Tas-Sliema
Toyota	Corolla	Abjad	JBL332	Il-Ħamrun

Is-27 ta' Mejju, 2025

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Wednesday, 4th June, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 between 7.30 a.m. and noon, or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

27th May, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru sondaġġi permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

San Ġiljan – mis-26 ta' Mejju, 2025 sal-20 ta' Ġunju, 2025

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

Is-27 ta' Mejju, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

St Julians – from 26th May, 2025 to 20th June, 2025

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

27th May, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Talbiet għall-Pagamenti għall-Bdiewa u r-Raħħala fuq Skemi Diretti u dawk marbuta mal-Art

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), tħabbar li qed testendi d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagamenti għas-sena 2025 fuq diversi skemi kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti. Għaldaqstant, talbiet għall-pagamenti se jibqgħu jiġu aċċettati sad-data tal-għeluq il-ġdida, jiġifieri sal-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025. Talbiet sottomessi wara din id-data se jkunu suġġetti għal penali ta' 1% kuljum sa 10 ijiem ta' xogħol wara, jiġifieri, sal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju, 2025. Talbiet sottomessi wara din id-data finali ma jiġux aċċettati.

L-ARPA tfakkar li l-iskemi li wieħed jista' japplika għall-għajnuna finanzjarja taħthom huma dawn li ġejjin:

Pagamenti Diretti 2023-2027

Appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà (BISS)
Pagament għall-Bdiewa b'Ażjenda Agrikola Żgħira (PSF
Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ (CISYF)
Eko-skema -6, BDW u SGW

Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu (CIS)

Miżura għas-Settur tal-Ħalib
Is-Settur taċ-Ċanga
Is-settur tan-nagħaġ
Tadam għall-ipproċessar

Impenji Agro-Ambjentali-Klimatiċi (AECCs) 2023-2027

PAYMENT CLAIMS RELATED TO DIRECT AND AREA AID SCHEMES FOR FARMERS AND LIVESTOCK BREEDERS

The Agricultural and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), announces that it is extending the deadline for submitting payment claims for the year 2025 on various schemes co-financed by the European Union and the Maltese Government. Accordingly, payment claims will continue to be accepted until the new deadline, i.e. until Friday, 13th June, 2025. Claims submitted after this date will be subject to a penalty of 1% per day for up to 10 working days thereafter, i.e. until Friday, 27th June, 2025. Claims submitted after this final date will not be accepted.

The applicable financial aid schemes are the following:

Direct Payment Schemes 2023-2027

Basic Income Support for Sustainability (BISS)
Payment for Small Farmers (PSF)
Complimentary Income Support for Young Farmers (CISYF)
ECO-Schemes 1 – 6, BDW, SGW

Coupled Income Support (CIS)

Dairy
Beef
Sheep
Tomatoes

Agri-Environmental Climate Commitments (AECCs) 2023-2027

Żoni b'Restrizzjonijiet Naturali (ANC) 2023-2027

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

Iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)
Iċempel il-Front Office tal-Aġenzija bin-numru tat-telefown 2292 6148
Jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

Is-27 ta' Mejju, 2025

Areas with Natural Constraints (ANC) 2023-2027

For more information one may:

Visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt)
Call the Front Office on telephone number 2292 6148

Send an email to (arpa.mafa@gov.mt)

27th May, 2025

YACHTING MALTA LTD

Lista ta' direct orders mogħtija minn Yachting Malta Ltd matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 sal-31 ta' Diċembru, 2024 ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (S.L. 601.03) u ċ-Ċirkolari 12/2021 tal-25 ta' Ġunju, 2021, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Is-27 ta' Mejju, 2025

YACHTING MALTA LTD

List of direct orders awarded by Yachting Malta Ltd during the period between 1st July, 2024 to 31st December, 2024 published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03) and of Circular 12/2021 of 25th June, 2021, issued by the Department of Contracts.

27th May, 2025

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	YML24/004	Event branding and other deliverables	10/09/2024	Pure Concepts Ltd	€6,500.00
2	YML24/005	Berthing and related services	16/09/2024	Grand Harbour Marina	€29,095.19
3	YML24/006	Berthing and related services	16/09/2024	MMH Malta Ltd	€7,337.83
4	YML24/007	Event security services	17/09/2024	Executive Security Services	€5,195.50
5	YML24/008	Event security services	17/09/2024	Khiron Security	€11,956.00
6	YML24/009	Rental of gazebos, marquee tents, stages, platforms, etc.	18/09/2024	Commander Jay events & entertainment	€38,604.00
7	YML24/010	Provision of food truck and renting of outdoor area	18/09/2024	Food Source Ltd	€8,000.00
8	YML24/011	Rental of gazebos, marquee tents, stages, platforms, etc.	18/09/2024	Tec Ltd	€28,905.00
9	YML24/012	Foldable counters and vertical flags	19/09/2024	Davies Design Group Ltd	€7,585.00
10	YML24/013	Power supply and lighting setup	23/09/2024	Raymond Vella & Co. Ltd	€42,535.00
11	YML24/014	Project management services	26/09/2024	Imanage Ltd	€6,000.00
12	YML24/015	Crane hire and diver services	03/10/2024	Swaey Bros. Ltd	€6,192.00
13	YML24/016	Catering services	07/10/2024	Yiamas F&B Operations Ltd	€8,466.10
14	YML24/017	Mooring ropes	18/10/2024	The Yacht Shop Ltd	€7,056.00

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju, 2025, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., u nhar is-Sibt, 12 ta' Lulju, 2025, mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m., in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp se tkun magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja fiha.

Is-27 ta' Mejju, 2025

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi karozza ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni CAH939 li għal diversi xhur kienet ipparkjata fi Triq iz-Ziju, ġiet irmunkata fit-22 ta' Mejju, 2025, u meħuda għand Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' notifika skont il-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-Avviż Legali 123 tal-2001 u Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skrappjata.

Is-27 ta' Mejju, 2025

KUNSILL LOKALI L-BELT VALLETTA

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Belt Valletta jgħarraf illi sal-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025, f'nofsinhar, ħadd ma jista' jipparkja fi tmien parkeġġi fis-Swar ta' Santa Barbara.

Se jkun hemm sinjali tan-'no parking' fiż-żona madwar it-telephone box ħamra.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Mejju, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 5 ta' Ġunju, 2025.

Avviż Nru 14. Bejgħ tale quale tal-garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru 42, Entratura 'H', Triq Dun Anton Vella, Wied

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Santa Venera Local Council notifies that on Sunday, 8th June, 2025, from 9.30 a.m. to 5.00 p.m., and on Saturday, 12th July, 2025, from 8.00 a.m. to 11.59 p.m., the upper part of Triq il-Kbira San Ġużepp will be closed for traffic and no parking is allowed.

27th May, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

The Marsaskala Local Council notifies that a white vehicle with registration number CAH939 which was parked for a long period in Triq iz-Ziju, was towed by the Marsaskala Local Council on 22nd May, 2025, and taken to Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A, of Legal Notice 94 of 1977 as amended with Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations regarding Clamping and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated timeframe according to law, the said will be scrapped.

27th May, 2025

VALLETTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The Valletta Local Council notifies that till Friday, 30th May, 2025, at noon, no parking is allowed in eight parking spaces at Santa Barbara Bastions.

There will be 'no parking' signs in the area around the red telephone box.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

27th May, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00am on Thursday, 5th June, 2025.

Advt No. 14. Sale tale quale of a garage without its own airspace at No. 42, Entrance H, Triq Dun Anton Vella, Wied

Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.248_91_5_42. Din il-proprjetà hija suġġetta għal servitujiet eżistenti favur proprjetajiet adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Hesri Housing Estate, Siġġiewi, as shown edged in red on the plan P.D.248_91_5_42. This property is subject to existing servitudes in favour of adjacent properties. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-two thousand euro (€62,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 15. Bejgħ tale quale tal-Garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru 4 (qabel Nru 2), Entratura 'C', Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.248_91_22_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 15. Sale tale quale of a Garage without its own airspace at No. 4 (formerly No. 2), Entrance C, Triq Dun Anton Vella, Wied Hesri Housing Estate, Siggiewi, as shown edged in red on the plan P.D.248_91_22_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-two thousand euro (€62,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 16. Bejgħ tale quale tal-garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru 38 (qabel Nru 3), Entratura 'G', Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.248_91_5_38. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,400 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u sittin elf ewro (€64,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 16. Sale tale quale of a garage without its own airspace at No. 38 (formerly No. 3), Entrance G, Triq Dun Anton Vella, Wied Hesri Housing Estate, Siġġiewi, as shown edged in red on the plan P.D.248_91_5_38. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,400 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-four thousand euro (€64,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 17. Bejgħ tale quale tal-garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru 6 (qabel Nru 3), Entratura 'C', Triq Dun Anton Vella, Wied Ħesri Housing Estate, Is-Siġġiewi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_21_A. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €6,400 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u sittin elf ewro (€64,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 17. Sale tale quale of a garage without its own airspace at No. 6 (formerly No. 3), Entrance C, Triq Dun Anton Vella, Wied Hesri Housing Estate, Siġġiewi, as shown edged in red on the plan P.D.248_91_21_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €6,400 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-four thousand euro (€64,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru 18. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx mingħajr l-arja tiegħu għax mhijiex inkluża f'Nru 6, Triq is-Sibi, Qasam tad-Djar tar-Rinella, Il-Kalkara, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala Garage No. 6 fuq il-pjanta P.D. 77_84_1_6. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta

Advt No. 18. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace as it is not included at No. 6 Triq is-Sibi, Rinella Housing Estate, Kalkara, as shown edged in red and marked Garage No. 6 on the plan P.D.77_84_1_6. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred euro (€1,900) per annum will not be considered. This tender may be subject

tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-27 ta' Mejju, 2025

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju, 2025, fl-Uffiċċju tat-Tenders, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

AFM Avviż Nru. 1/25 – Bejgħ 'tale quale' u t-tneħħija ta 'vetturi u tagħmir li huma unserviceable – Forzi Armati ta' Malta.

Il-formoli tal-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tat-Tenders, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. jew permezz ta' ittra elettronika lil (tenders.afm@gov.mt)

Is-27 ta' Mejju, 2025

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal (CFC) jinforma li qiegħda ssir talba għal Espressjoni ta' Interess għad-Disinn u Stampar ta' Logħba tal-Karti oriġinarjament ippubblikata mill-UNICEF u issa tradotta għall-Malti mis-CFC.

Minħabba l-fatt li hemm kriterji speċifiċi ħafna għall-istampar ta' din il-pubblikazzjoni, kumpaniji tal-istampar li huma interessati li jibagħtu stima, qegħdin jintalbu jibgħatu ittra elettronika lil (glen.gauci@gov.mt) sabiex tintbagħtilhom id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tkun tista' tinħareġ l-istima.

Id-data tal-għeluq għal din l-Espressjoni ta' Interess hija l-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025, fl-4.00 p.m.

Is-27 ta' Mejju, 2025

to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

27th May, 2025

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:

Sealed tenders will be received by the Tenders Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 10th June, 2025, for:

AFM Advert No. 1/25 – Sale 'tale quale' and removal of unserviceable vehicles and equipment ' Armed Forces of Malta.

Forms of tender and further information may be obtained from the Tenders Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, during any working day from 7.00 a.m. to 4.00 p.m. or by sending an email to (tenders.afm@gov.mt)

27th May, 2025

OFFICE OF THE COMMISSIONER FOR CHILDREN

The Commissioner for Children (CFC) notifies that a call for Expression of Interest is being published for the Design and Printing of a Card Game originally published by UNICEF and now translated to Maltese by the CFC Office.

Due to the fact that very specific guidelines are in place for the printing of this publication, printing companies which are interested to submit their quote are requested to send an email to (glen.gauci@gov.mt) in order to be sent the relevant documentation which is necessary to be able to submit a quote accordingly.

The deadline for this Expression of Interest is scheduled for Friday, 30th May, 2025, at 4.00 p.m.

27th May, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-3583/25. Maprotiline HCl 25mg tablet

CFT 019-3584/25. Couch rolls

CFT 014-3585/25. 'Disposable aprons and apron dispensers which shall be loaned for the duration of the contract' għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

CFT 020-3586/25. Detachable coil system and pulmonary vasculature

CFT 021-3587/25. Etoposide 50mg soft capsules

CFT 021-3588/25. L-Arginine 100mg/ml oral solution

CFT 014-3589/25. Audiometric cabin għall-Audiology Clinical fid-Dipartiment tal-Outpatients fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 020-3590/25. Paravalvular leak closure devices up to 10 French in diameter

CFT 020-3592/25. Tricuspid rings PPU

CFT 020-3593/25. Mitral rings PPU

CFT 021-3594/25. Fluoxetine 20mg/5mL oral solution

CFT 020-3595/25. Single use resuscitation bags

CFT 009-3596/25. Halogen free conduit and accessories

CFT 021-3597/25. Allopurinol 300mg tablets

CFT 020-3598/25. 1ml syringes luer-lok

CFT 020-3599/25. Burns dressings – face

CFT 020-3600/25. Square extra thin hydrocolloid dressings 10cm x 10cm

CFT 020-3601/25. One-piece drainable stoma pouches for paediatric use.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Ġunju, 2025. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-3602/25. Two-piece convexity skin barriers and closed stomas pouches

CFT 020-3603/25. Two-piece convexity base plates and urostomy pouch

CFT 020-3604/25. Hydrocolloid dressing 20 x 20cm

CFT 021-3605/25. Sulindac tablets

CFT 020-3607/25. Introducer sheaths

CFT 021-3608/25. Pancuronium injections

CFT 021-3609/25. Rocuronium injections

CFT 020-3610/25. Steerable Hydrophilic wires for distal neurovascular use

CFT 009-3606/25. Stackable chairs

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 13th June, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-3583/25. Maprotiline HCl 25mg tablet

CFT 019-3584/25. Couch rolls

CFT 014-3585/25. Disposable aprons and apron dispensers which shall be loaned for the duration of the contract for the Gozo General Hospital.

CFT 020-3586/25. Detachable coil system and pulmonary vasculature

CFT 021-3587/25. Etoposide 50mg soft capsules

CFT 021-3588/25. L-Arginine 100mg/ml oral solution

CFT 014-3589/25. Audiometric cabin for the Audiology Clinical at the Outpatients Department at Gozo General Hospital

CFT 020-3590/25. Paravalvular leak closure devices up to 10 French in diameter

CFT 020-3592/25. Tricuspid rings PPU

CFT 020-3593/25. Mitral rings PPU

CFT 021-3594/25. Fluoxetine 20mg/5mL oral solution

CFT 020-3595/25. Single use resuscitation bags

CFT 009-3596/25. Halogen free conduit and accessories

CFT 021-3597/25. Allopurinol 300mg tablets

CFT 020-3598/25. 1ml syringes luer-lok

CFT 020-3599/25. Burns dressings – face

CFT 020-3600/25. Square extra thin hydrocolloid dressings 10cm x 10cm

CFT 020-3601/25. One-piece drainable stoma pouches for paediatric use.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 17th June, 2025, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-3602/25. Two-piece convexity skin barriers and closed stomas pouches

CFT 020-3603/25. Two-piece convexity base plates and urostomy pouch

CFT 020-3604/25. Hydrocolloid dressing 20 x 20cm

CFT 021-3605/25. Sulindac tablets

CFT 020-3607/25. Introducer sheaths

CFT 021-3608/25. Pancuronium injections

CFT 021-3609/25. Rocuronium injections

CFT 020-3610/25. Steerable hydrophilic wires for distal neurovascular use

CFT 009-3606/25. Stackable chairs

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Is-27 ta' Mejju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 28 ta' Mejju, 2025.

ERU2205U25 – Devices
ERU2205U25 – Medicinal
ERU2205U25A – Medicinal
ERU2205U25B – Medicinal
ERU2205U25C – Devices
ERU2205U25D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-27 ta' Mejju, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

